**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Spagnol)**

**vs**

**Yanis Meherzi**

**Kumpilazzjoni 489/2018**

**Illum 13 ta' Awwissu, 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Yanis Meherzi** detentur tal-karta tal-identita Franciza bin-numru 170538151717 billi huwa akkuzat talli:

Nhar it-2 ta' Awwissu 2018 ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' filghodu (03:30 hrs), fi Triq Santa Rita, San Giljan, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Anthony Zammit f'periklu car, permezz ta' strument li jaqta' jew iniggez, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Anthony Zammit, liema griehi huma ta' natura gravi (Art. 217, Kap. 9);

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, instab fis-sakra b'mod li ma setghax jiehu hsieb tieghu nnifsu (Art. 338 (ff), Kap. 9).

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli ndikati;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tallum 13 ta' Awwissu, 2018 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l- ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni, l-*Parte Civile* u d- Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Rat li l-Avukat Dottor Arthur Azzopardi fil-prezenza tal-*Parte Civile* u fuq struzzjonijiet tal-istess, informa lill-Qorti illi l-aspett civili in konessjoni mal-incident mertu tal-proceduri odjerni gie rizolt fl-intier bejn il-partijiet kif ukoll l-istess *Parte Civile* qieghed jirrinunzja ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli in konnessjoni ma dan il-mertu u li di piu' filwaqt li ma jaqbilx li s-sokor huwa skuzanti jifhem l-agir tal-imputat li sehh b'rizultat ta' sokor u jahfer lill-istess.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li ma' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, d-dikjarazzjoni li saret mil-Avukat tal-Parte Civlle, l-eta' tal-imputat, l-fedina penali netta, il-fatt li l-imputat ilu arrestat provizorjament ghaxart'ijiem u l-fatt li l-imputat ikkopera bi shih u mill-ewwel fil-kors tal-investigazzjonijiet.

KONSIDERAZZJONIJIET DWAR L-AKKUZI

Il-Qorti tfakkar kif l-alkohol huwa sustanza soċjalment aċċettata minn diversi kulturi, u f'Malta xejn inqas.

F'ħafna okkażjonijiet, il-konsum tal-alkoħol jitqies bħala mod ta' ċelebrazzjoni u socjalizzazzjoni, Imma fl-istess ħin ftit inqisu kemm l-alkoħol, anki f'dawn l-okkażjonijiet ta' ferħ u rilassament jista' joħloq perikli kif jidher li gara f'dan il-kaz.

Wieħed mill-perikli komuni meta xi ħadd jixrob b'mod eċċessiv huwa li, iktar iva milli le, il-persuna ma tkunx fi stat li tkun taf meta għandha tieqaf u meta ghandha tghid le.

Kulhadd ghandu jifhem darba ghal dejjem u iżommu quddiem għajnejhom li l-alkoħol jaffettwa l-memorja, il-konċentrazzjoni, il-

prestazzjoni u l-imġiba, u jwassal għal esperjenzi li wara wieħed jista' jiddispjaċih li jkun sehhew.

Jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-oggett li ntuza fil-kommissjoni tar-reat kif ukoll il-parti tal-gisem fejn inghatat id-daqqa hawhekk ghandha l-manifestazzjoni cara ta' l-intenzjoni specifika da parti tal-imputat awtur ta' dan id-delitt, li almenu jikkaguna offiza ta' natura gravi. Di piu' l-mezz uzat f'dan ir-reat u cioe' flixkun imkisser kien certament idoneu sabiex jikkaguna tali offiza gravi. Huwa pacifiku illi mill-aspett mediku din l-offiza li garbet il-vittma hija wahda ta' natura gravi.

Id-dinamika ta' kif jidher li sehh dan ir-reat u kif ukoll l-istrument li ntuza (flixkun imkisser) kollha jindikaw illi l-intenzjoni ta' l-imputat ma kienitx semplicement li jikkaguna xi hsara generika fuq il-persuna ta' Anthony Zammit izda li specifikatament almenu jikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-parti leza.

Din il-Qorti taghmel referenza l-ewwelnett ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** moghtija fit-30 ta' Lulju 2004 fejn intqal:

> **"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal- fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad – il-magistrat – u issa**

**f'idejn l-imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta imbaghad ghall-gudikant tal- fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."**

Kif intqal fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Mariano sive' Mario Camilleri** deciza fit-8 ta' Frar, 2002 il-Qorti qalet *"Il-fatt li r-rizultat finali kien biss offiza ta' natura hafifa ma jfissirx necessarjament illi ma setax kien hemm l-intenzjoni specifika illi wiehed jikkaguna offiza gravi, jekk kienx hemm jew le t-tali ntenzjoni hija kwistjoni ta' fatt rimessa ghal gudizzju prudenti ta' min ghandu jiggudika l- fatti f'dan il-kaz il-Magistrat sedenti fl-ewwel Qorti billi jittiehed kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz fosthom ( forsi l-aktar importanti) tan-natura ta' l-isturment uzat u tal-parti tal-gisem li lejha kien indirizzat dak l-isturment."*

L-isturment illi uza l-imputat kien flixkun imkisser illi jikkwalifika bhala arma fis-sens tal-Ligi.

Ghalhekk din il-Qorti se ssib lill-imputat hati ta' offiza gravi fil-kuntest ta' l-Artiklu 217 tal-Kodici Kriminali u dan anke fuq l-ammissjoni tieghu stess.

Dan l-agir barbaru da parti tal-imputat qatt ma jista' jigi tollerat f'socjeta' civili u huwa censurabbli bl-aktar mod sever.

Il-Qorti ghandha l-obbligu li zomm  f'mohhha l-gid komuni tas-socjeta.

Gie ritenut mill-Qrati taghna li meta jkun hemm aggressjoni fizika w vjolenti fuq il-persuna, sentenza ta' piena karcerarja effettiva hija l-iktar wahda ndikata w idonea.

Dak li wettaq l-imputat m'hu skuzabbli xejn anke jekk kien fis-sakra, s-sokkor mhux skuzanti fil-ligi taghna, huwa att barbaru u selvagg illi ma jista qatt jigi tollerat fis-socjeta Maltija u l-Qorti hawnhekk trid tibghat messagg car illi dawn it-tipi ta' agressjoni qatt ma ser ikunu tollerati mill-Qorti u hadd mhu se jsib xi spalla biex jevita r-responsabilitajiet ta' ghemilu fejn jirrigwarda feriti fuq persuni ohra.

Il-Qorti filwaqt li se tirrispetta ix-xewqa tal-*parte civile* mhix opposta mill-Prosekuzzjoni, anze hemm qbil ma' talli xewqa, u minhabba c-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-eta', l-fatt li l-imputat huwa student u jghix barra minn xtutna. Il-Qorti taghmilha cara li ma taqbel xejn ma' dawn it-tip ta' arrangamenti bejn il-partijiet, ghaliex dawn it-tip ta' reati m'humiex biss kontra persuna izda huma reati kontra s-socjeta' tant li l-pulizija tipprosegwixxi *ex officio*. **Mhux sewwa li genituri jibaghtu lil uliedhom jiddevertu f'post tad-divertiment f'Paceville u jispiccaw mal-lejl ikunu infurmati li xi hadd minn uliedhom spicca ferut u dan ghal xejn b'xejn.**

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti wara illi rat l-Artikoli 216, 217 u 338 (ff) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, taqta' u tiddeciedi illi ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontrih u dan anke wara l-ammissjoni tieghu, l-fatt li diga' ghamel ghaxart'ijiem arrestat provizorjament u fic-cirkostanzi kif zviluppaw waqt is-seduta tallum, peress li tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ mhux spedjenti li timponi piena kontra tieghu, wara li rat l-Artikoli 7(2) u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tagħmel ordni li permezz tagħha tillibera lill-hati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn millum.

Il-Qorti tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qabel ma emanat dan l-ordni hija fissret lill-ħati, bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni għall-liberazzjoni kondizzjonata fis-sens li jekk jagħmel reat ieħor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-ħatji kun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

Il-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien sitt ijiem tax-xoghol.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**